Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li Otters ASC Gozo se tkun qed torganizza open water swimming event fil-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex.

It-tellieqa se ssir tul il-korsa A, B u C kif muri fuq il-mappa fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt),

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	36° 04'.384	014° 15'.484
B	36° 04'.617	014° 15'.583
C	36° 04'.583	014° 15'.633

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m.

Klabb RHIB 'S17413' u numru ta' kenuri se jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

Il-baħħara kollha huma avżati biex iżommu 'l bogħod miż-żona u, taħt l-ebda ċirkostanza, m'għandhom jgħaddu mill-korsa A, B u C. Bastimenti li l-irmiġġi tagħhom jinsabu f'din iż-żona, għandhom jikkomunikaw ma' RHIB 'S17413' qabel ma jidħlu jew joħorġu miż-żona u jistennew li jiġu skortati kif xieraq.

Fid-data u l-ħinijiet stipulati, il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa

As the Camp-A-Float will have persons on board and will be moored in position during hours of darkness, an all-round white light, positioned where it can best be seen, shall be exhibited from sunset to sunrise and in any circumstance of restricted visibility.

In case of bad weather conditions, this event will take place at Ir-Ramla tat-Torri, Armier, as indicated in position 'B', on chart 2 found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on the same dates and time.

All vessels navigating within the bay are requested to keep a sharp lookout, navigate with caution and at slow speed, and give the raft a wide berth.

Charts affected: BA 211A, 211B, 2537 and 2538

29th August, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 144 of 2025

Open Water Swimming Event at Marsalforn Bay, Gozo – 7th September, 2025

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that Otters ASC Gozo will be organising an open water swimming event in il-Bajja ta' Marsalforn, Gozo.

The race will be held along the course A, B and C as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt),

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	36° 04'.384	014° 15'.484
B	36° 04'.617	014° 15'.583
C	36° 04'.583	014° 15'.633

On Sunday, 7th September, 2025, between 8.00 a.m. and 11.00 a.m.

A club RHIB 'S17413' and a number of canoes will be accompanying the participating swimmers.

All mariners are directed to keep well clear of the area and, under no circumstances, are to transit through course A, B and C. For vessels whose moorings are within this area, they are to communicate with RHIB 'S17413' prior to entering or leaving the area and wait to be escorted accordingly.

On the stipulated date and times, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and

(mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

Id-29 ta' Awwissu, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 145 tal-2025

Għadis fl-avviċinamenti tal-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir għadis fl-avviċinamenti tal-Port il-Kbir.

L-għadis se jsir nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 p.m.

Matul l-għadis l-għaddasa se jkunu assistiti minn numru ta' bastimenti li se jtajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A'. Hija meħtieġa distanza ta' sigurtà ta' raġġ ta' 100m mill-bastimenti ta' appoġġ.

L-għadis se jsir fil-pożizzjoni approssimativa kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
Levant II	35˚54'.498	014˚32'.076

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'kawtela, u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jinnavigaw qrib iż-żona indikata hawn fuq.

Il-bastimenti kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Charts affettwati: BA 177, 2537, 2538

Id-29 ta' Awwissu, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 146 tal-2025

Wirjiet tal-logħob tan-nar fil-Port il-Kbir – Festa tal-Isla – 2025

at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 211

29th August, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 145 of 2025

Diving at the approaches of the Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a dive will be held within the approaches of the Grand Harbour.

The dive will be held on Monday, 8th September, 2025, between 9.00 a.m. and 1.00 p.m.

During the dive the diving team will be assisted by a number of vessels which will be displaying the International Code of Signals Flag 'A', a safety distance of 100m radius, from the support vessels, is required.

The dives will be carried out in the approximate position as shown on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

	Latitude (N)	*Longitude(E)*
Levant II	35˚54'.498	014˚32'.076

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution, and at slow speed (no wake) when navigating close to the above indicated area.

All vessels are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart affected: BA 177, 2537, 2538

29th August, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 146 of 2025

Firework Displays at Grand Harbour – Senglea Feast – 2025

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jinħarqu wirjiet tal-logħob tan-nar minn żewġ barkuni, irmiġġati mill-inqas 200m 'il barra mill-Ponta ta' Bighi, iċċentrati fuq il-pożizzjonijiet P u Y, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
P	35° 53'.669	014° 31'.200
Y	35° 53'.629	014° 31'.255

Il-wirjiet tal-logħob tan-nar se jinħarqu fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Nhar il-Ħamis, 4 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn it-8.30 p.m. u d-8.50 p.m.;

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn it-8.30 p.m. u d-8.50 p.m.;

Nhar is-Sibt, 6 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn l-10.00 p.m. u l-10.30 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., bejn is-6.00 p.m. u s-7.00 p.m., u bejn id-9.30 p.m. u l-11.30 p.m.;

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn is-7.00 p.m. u d-9.30 p.m.

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2025, il-braken se jiġu mċaqalqa mit-tarzna rispettiva tagħhom għall-pożizzjonijiet P u Y minn fejn se jinħaraq il-logħob tan-nar. Il-braken se jitħallew fil-pożizzjoni matul il-lejl u għalhekk se jkollhom dwal fuqhom.

Il-logħob tan-nar se jitgħabba fuq barkun fit-Toqba tal-Birgu u trasferit għal fuq iż-żewġ barkuni nhar it-Tlieta, 2, l-Erbgħa, 3, il-Ġimgħa, 5, u l-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2025, iċ-ċaqliq tal-logħob tan-nar se jsir għall-ħabta tas-6.00 a.m. jew fis-6.30 a.m.

Il-braken se jitneħħew mill-pożizzjoni fejn se jkunu rmiġġati nhar it-Tlieta, 9 ta' Settembru, 2025.

Peress li l-braken se jkunu mgħobbija bil-logħob tan-nar, huwa meħtieġ spazju ta' 200 metru mill-braken f'dawn il-jiem

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-wirjiet tal-logħob tan-nar

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that firework displays will be let off from 2 barges, moored at least 200m off Il-Ponta ta' Bighi, centered on positions P and Y, as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
P	35° 53'.669	014° 31'.200
Y	35° 53'.629	014° 31'.255

The firework displays will be let off on the following dates and times:

On Thursday, 4th September, 2025, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m., and between 8.30 p.m. and 8.50 p.m.;

On Friday, 5th September, 2025, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m., and between 8.30 p.m. and 8.50 p.m.;

On Saturday, 6th September, 2025, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m., and between 10.00 p.m. and 10.30 p.m.;

On Sunday, 7th September, 2025, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m., between 6.00 p.m. and 7.00 p.m., and between 9.30 p.m. and 11.30 p.m.;

On Monday, 8th September, 2025, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m., and between 7.00 p.m. and 9.30 p.m.

On Monday, 1st September, 2025, barges will be shifted from their respective shipyard to positions P and Y from where the fireworks will be let off. The barges will be left in position during the night and therefore they will have lights on them.

The fireworks will be loaded onto a barge at It-Toqba tal-Birgu and shifted to be loaded on the 2 barges on Tuesday, 2nd, Wednesday, 3rd, Friday, 5th, and Sunday, 7th September, 2025, the shifting of the fireworks will take place at around 6.00 a.m. or 6.30 a.m.

The barges will then be removed from the moored position on Tuesday, 9th September, 2025.

A wide berth of 200 meters is requested from the barges on these days as the barges will be loaded with fireworks.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel

lil kwalunkwe bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk dan il-bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 200 metru, jew barra minn dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt li minnu jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi. L-istruzzjonijiet u direzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar għandhom jiġu mħarsa.

Chart affettwata: BA Chart 177

Id-29 ta' Awwissu, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 147 tal-2025

Wirja tal-logħob tan-nar fil-Bajja ta' San Ġiljan – Festa ta' San Ġiljan – 2025

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jinħarqu wirjiet tal-logħob tan-nar b'rabta mal-festa ta' San Ġiljan mill-breakwater (magħruf bħala l-Pont tal-Banis) fil-Bajja ta' San Ġiljan.

Il-wirjiet tal-logħob tan-nar se jinħarqu mill-breakwater (magħruf bħala l-Pont tal-Banis) punt A, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni(T)*	*Lonġitudni(L)*
A	35° 55'.123	014° 29'.575

Il-wirjiet se jsiru fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Nhar is-Sibt, 30 ta' Awwissu, 2025, mill-11.15 p.m. sa nofsillejl;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Awwissu, 2025, minn nofsinhar sas-1.00 p.m. u mill-10.00 p.m. sal-11.00 p.m.

Il-bastimenti u l-għawwiema kollha huma avżati biex iżommu 'l bogħod sew u jżommu distanza sigura ta' mhux inqas minn 60 metru mill-breakwater (magħruf bħala l-Pont tal-Banis). Kwalunkwe bastiment irmiġġat fiż-żona indikata, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), għandu jitneħħa mill-inqas siegħa qabel u jżomm id-distanza sa siegħa wara li jintemm il-wiri fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-wirjiet tal-logħob tan-nar

and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Mariners are to navigate with caution and at slow speed when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers. Instructions and directions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement personnel are to be complied with.

Chart affected: BA Chart 177

29th August, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 147 of 2025

Fireworks Display at St Julian's Bay – Feast of St Julian's – 2025

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that firework displays in connection with the feast of St Julian's will be let off from the breakwater (known as Il-Pont tal-Banis) at St Julian's Bay.

The firework displays will be let of from the breakwater (known as Il-Pont tal-Banis) point A, as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude(E)*
A	35° 55'.123	014° 29'.575

The displays will take place on the following dates and times:

On Saturday, 30th August, 2025, from 11.15 p.m. to midnight;

On Sunday, 31st August, 2025, from noon to 1.00 p.m., and from 10.00 p.m. to 11.00 p.m.

All vessels and bathers are warned to keep well clear and maintain a safe distance of not less than 60 metres from the breakwater (known as Il-Pont tal-Banis). Any vessels moored within indicated area, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed at least 1 hour before the start and stay away until 1 hour after the displays finish on the above-mentioned dates and times.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel

lil kwalunkwe bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk dan il-bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żoni ta' sigurtà msemmija, jew barra minn dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt li minnu jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni u direzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fiż-żona.

Chart affettwata: BA 177

Id-29 ta' Awwissu, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 148 tal-2025

Regatta tat-8 ta' Settembru fil-Port il-Kbir – Il-Belt Valletta

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża li se ssir ir-Regatta tat-8 ta' Settembru fil-Port il-Kbir. Se jitqiegħdu bagi u żubruni kif ġej:

1. Nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, tliet bagi sofor b'żubruni b'dwal li jteptep se jitqiegħdu fil-pożizzjonijiet li ġejjin.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
B	35° 53'.584	014° 30'.965
C	35° 53'.481	014° 30'.834
D	35° 53'.410	014° 30'.756

2. Nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, mit-8.30 a.m, se tiġi stabbilita/imqiegħda linja virtwali/ħabel tal-wajer b'sufruni fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

(i) tiġi stabbilita linja virtwali mill-punt (A) fuq Barriera Wharf sal-baga (B) 'il barra mill-Ponta ta' Sant'Anġlu

(ii) se jitqiegħed ħabel tal-wajer b'sufruni mil-baga (B) il barra mil-Ponta ta' Sant'Anġlu sal-punt (C) fit-Tramuntana tal-Ponta tal-Isla

(iii) se jitqiegħed ħabel tal-wajer b'sufruni mill-baga (C) fit-Tramuntana tal-Ponta tal-Isla sal-punt (D) fil-punent tal-Ponta tal-Isla faċċata tal-Bastjun tad-Daħla tal-Franċiżi

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 53'.693	014° 30'.831

(iv) linja virtwali se tiġi stabbilita mill-punt (D) lejn il-Punent tal-Ponta tal-Isla faċċata tal-Bastjun tad-Daħla tal-Franċiżi, sal-punt (E) fuq Parlatorio Wharf

and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the safety zones mentioned, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Mariners shall comply with any instructions and directions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement officials in the area.

Chart affected: BA 177

29th August, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 148 of 2025

8th September Regatta at the Grand Harbour – Valletta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the 8th September Regatta will be held at the Grand Harbour. Sinkers and marker buoys will be laid as follows:

1. On Monday, 8th September, 2025, 3 Yellow Marker buoys with flashing lights will be secured to sinkers that will be laid in the following positions.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
B	35° 53'.584	014° 30'.965
C	35° 53'.481	014° 30'.834
D	35° 53'.410	014° 30'.756

2. On Monday, 8th September, 2025, as from 8.30 a.m., virtual line/wire rope with floats will be established/laid in the following positions:

(i) a virtual line/wire rope with floats will be established/laid from point (A) ashore on Barriera Wharf to buoy (B) off Il-Ponta ta' Sant'Anġlu

(ii) a wire rope with floats will be laid from buoy (B) off Il-Ponta ta' Sant' Anġlu to point (C) north of Il-Ponta tal-Isla

(iii) a wire rope with floats will be laid from buoy (C) north of Il-Ponta tal-Isla to point (D) west of Il-Ponta tal-Isla opposite the entrance to Id-Daħla tal-Franċiżi Bastion

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 53'.693	014° 30'.831

(iv) a virtual line will be established from point (D) west of Il-Ponta tal-Isla opposite the entrance to Id-Daħla tal-Franċiżi Bastion to point (E) on Parlatorio Wharf

(v) se jitqiegħed ħabel tal-wajer b'sufruni mill-bollard 8 f'Ras Ħanżir 2 punt (F) sal-bollard 26 fil-punt Deep Water Quay (G), kif muri fuq il-mappa fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

3. Il-ħbula tal-wajer, sufruni u bagi msemmija fi 2 hawn fuq jitneħħew mat-tlestija tar-Regatta f'bejn wieħed u ieħor il-5.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025.

4. Il-mażżri u l-bagi imsemmija f'1 hawn fuq jitneħħew ukoll mat-tlestija tar-Regatta f'bejn wieħed u ieħor il-5.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025.

5. Il-port hand lateral mark imqiegħda fil-kordinati li ġejjin taħt il-Ponta tal-Isla se titneħħa għall-avveniment.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
	35° 53'.468	014° 30'.808

Il-kaptana tal-bastimenti kollha huma nnotifikati li nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, bejn 8.30 a.m. u bejn wieħed u ieħor il-5.00 p.m., il-bastimenti deħlin ma jitħallewx jipproċedu lejn l-ebda rmiġġ fil-Lbiċ tal-linja immaġinarja li tgħaqqad il-punt (A) fuq Barriera Wharf u Fortizza Sant'Anġlu Flagstaff. Bastimenti fiż-żona tal-baħar 'Il-Marsa' mhux se jitħallew jipproċedu lil hinn mil-linja (F) sa (G) indikata fi 2(v) hawn fuq wara t-8.30 a.m. L-ebda bastiment mhu se jkun permess ħdejn il-linja tat-tmiem ħlief dawk involuti fit-tlielaq. L-ebda moviment ta' bastimenti ma jkun permess ġewwa l-Port il-Kbir, ħlief b'permess speċjali. Il-bastimenti kollha għandhom iżommu distanza minima ta' 5m 'il bogħod mil-linji u l-sufruni msemmija fi 2(ii), 2(iii), 2(iv) u 2(v).

Bastimenti deħlin ma jitħallewx jipproċedu lejn l-ebda irmiġġ fil-Lbiċ tal-linja immaġinarja li hija 150m fil-Grigal tal-linja (A) sa (B) msemmija f'2(i) hawn fuq. L-ebda bastiment mhu se jitħalla joqgħod f'din iż-żona ta' 150m.

Iż-żona delimitata bil-linji immaġinarji bejn il-punti A sa B, B sa C, C sa D, D sa E (kantuniera ma Parlatorio Wharf), F sa G u l-linja tax-xatt ta' bejniethom għandha tinżamm libera nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.30 a.m. u l-5.00 p.m., mill-bastimenti kollha ħlief dawk awtorizzati mill-organizzaturi tal-attivitajiet.

Il-kaptana tal-bastimenti kollha huma avżati wkoll li l-ħbula tal-wajer u l-sufruni jistgħu jikkawżaw ostruzzjoni fiżika u konsegwentement għandhom jinnavigaw b'kawtela kbira. Għandha tingħata attenzjoni wkoll meta jkunu fil-viċinanza tal-ħbula tal-wajer u sufruni bħal dawn meta dawn ikunu qed jitqiegħdu jew jitneħħew.

(v) a wire rope with floats will be laid from bollard 8 at Ras Ħanżir 2 point (F) to bollard 26 at Deep Water Quay point (G), as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

3. The wire ropes, floats and buoys mentioned in 2 above will be removed on the completion of the Regatta at approximately 5.00 p.m. on Monday, 8th September, 2025.

4. The sinkers and marker buoys mentioned in 1 above will also be removed on the completion of the Regatta at approximately 5.00 p.m. on Monday, 8th September, 2025.

5. The port hand lateral mark placed at the following coordinates below Il-Ponta tal-Isla will be removed for the event.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
	35° 53'.468	014° 30'.808

Masters of all vessels are notified that on Monday, 8th September, 2025, between 8.30 a.m. and around 5.00 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth south-west of the imaginary line joining point (A) on Barriera Wharf and Fortizza Sant'Anġlu Flagstaff. Vessels in 'Il-Marsa' sea area will not be allowed to proceed beyond the line (F) to (G) indicated in 2(v) above after 8.30 p.m. No vessel will be allowed near the finishing line except those involved in the races. No movements of vessels will be allowed inside the Grand Harbour, except by special permission. All vessels are to keep a minimum distance of 5m away from the lines and floats mentioned in 2(ii), 2(iii), 2(iv) and 2(v).

Incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth southwest of the imaginary line which is 150m northeast of the line (A) to (B) mention in 2(i) above. No vessel will be allowed to stay within this 150m area.

The area bounded by the imaginary lines between the points A to B, B to C, C to D, D to E (corner of Parlatorio Wharf), F to G and the intermediate coastline is to be kept clear on Monday, 8th September, 2025, between 8.30 a.m. and 5.00 p.m., from all vessels except those authorised by the activity organisers.

Masters of all vessels are also warned that the wire ropes and floats may cause a physical obstruction and consequently they are to navigate with extreme caution. Caution is also to be exercised when in the vicinity of such wire ropes and floats when these are being laid or removed.

Il-baħħara għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u uffiċjali tal-infurzar fiż-żona.

Chart affettwata: BA 177

Id-29 ta' Awwissu, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 149 tal-2025

Kanċellazzjoni ta' Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 138 tal-2025 rigward Light Drone Show – Il-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li l-Light Drone Show fil-Port il-Kbir ġie kkanċellat.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 138 tal-2025 huwa b'dan ikkanċellat.

Id-29 ta' Awwissu, 2025

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA

Vakanzi

Senior Executive (Legal)

(Nru tal-Permess tal-Jobsplus: 323/2025)

Il-pożizzjoni ta' Senior Executive (Legal) iġorr salarju ta':

€30,508 fis-sena, b'żidiet ta' €531 fis-sena sa massimu ta' €33,694

NCPE allowance fis-sena: €1,500

Performance bonus: Sa 15% tas-salarju bażiku

Allowance ta' kwalifika jekk applikabbli

Din il-pożizzjoni hi b'kuntratt indefinit fuq bażi full-time.

Is-Senior Executive (Legal) irid ikollu/ha fil-pussess tiegħu/tagħha:

kwalifika ta' Masters rikonoxxuta, f'Livell 7 tal-MQF, (suġġetta għall-minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), fil-Liġi, Advocacy, jew, Human Rights Law and

Mariners are to comply with any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and enforcement personnel in the area.

Chart affected: BA 177

29th August, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 149 of 2025

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 138 of 2025 regarding the *Light Drone Show – Grand Harbour*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Light Drone Show within the Grand Harbour has been cancelled.

Local Notice to Mariners No. 138 of 2025 is hereby cancelled.

29th August, 2025

NATIONAL COMMISSION
FOR THE PROMOTION OF EQUALITY

Vacancies

Senior Executive (Legal)

(Jobsplus Permit No: 323/2025)

The salary attached to the post of Senior Executive (Legal) shall be:

€30,508 per annum rising by annual increments of €531 up to a maximum of €33,694

NCPE annual allowance: €1,500

Performance bonus: Up to 15% of the basic salary

Qualification allowance if applicable

The selected candidate will be expected to enter into a full-time indefinite contract.

The Senior Executive (Legal) must be in possession of:

a recognised Master's qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Law, Advocacy, or, Human Rights Law

Practice jew kwalifika komparabbli professjonali, flimkien ma' sena ta' esperjenza f'xogħol simili

jew

kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, (suġġetta għall-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), fil-Liġi jew kwalifika komparabbli professjonali, flimkien ma' tliet snin ta' esperjenza f'xogħol simili.

Il-kandidati għandu jkollhom kapaċitajiet ta' komunikazzjoni inkluż kitba tajba tal-Malti u tal-Ingliż, kif ukoll kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet rilevanti tal-MS Office. Għarfien/esperjenza fi kwistjonijiet ta' antidiskriminazzjoni u ugwaljanza huma meqjusa ta' vantaġġ.

Executive (Policy and Training)

(Nru tal-Permess tal-Jobsplus: 483/2025)

Il-pożizzjoni ta' Executive (Policy and Training) iġorr salarju ta':

€28,790 fis-sena, b'żidiet ta' €487 fis-sena sa massimu ta' €31,712

NCPE allowance fis-sena: €1,000

Performance bonus: Sa 10% tas-salarju bażiku

Allowance ta' kwalifika jekk applikabbli

Din il-pożizzjoni hi b'kuntratt indefinit fuq bażi full-time.

L-Executive (Policy and Training) irid ikollu/ha fil-pussess tiegħu/tagħha:

Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta, f'Livell 7 tal-MQF, (suġġetta għall-minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*), f'Antropoloġija, Humanitarian Action, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Public Policy, Gender Studies, Liġi, Komunikazzjoni, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali

jew

kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, (suġġetta għall-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti**), f'Antropoloġija, Contemporary

and Practice or a comparable professional qualification, plus one (1) year relevant work experience

or

a recognised Bachelor's qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Law or a comparable professional qualification plus three (3) years relevant work experience.

Applicants should have good communication skills including good writing skills in both Maltese and English, and must also be able to use relevant MS Office applications. Moreover, knowledge/experience in anti-discrimination and equality issues is considered an asset.

Executive (Policy and Training)

(Jobsplus Permit No: 483/2025)

The salary attached to the post of Executive (Policy and Training) shall be:

€28,790 per annum rising by annual increments of €487 up to a maximum of €31,712

NCPE annual allowance: €1,000

Performance bonus: Up to 10% of the basic salary

Qualification allowance if applicable

The selected candidate will be expected to enter into a full-time indefinite contract.

The Executive (Policy and Training) must be in possession of:

A recognised Master's degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Diplomacy, Anthropology, Humanitarian Action, International Relations, Social Studies, Sociology, Psychology, Public Policy, Gender Studies, Law, Communications, European Studies or a comparable professional qualification

or

A recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent**) in Anthropology, Contemporary Mediterranean Studies,

Mediterranean Studies, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Humanities, Social Policy, Komunikazzjoni, Liġi, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, flimkien ma' sentejn (2) ta' esperjenza f'xogħol simili

jew

Huma uffiċjali pubbliċi fi skala li mhux inqas minn Skala 12, jew impjegati fis-Settur Pubbliku f'livell komparabbli ta' responsabbiltà, flimkien ma' ħames (5) snin ta' esperjenza f'xogħol simili.

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, li hija aċċettata biss jekk ippreżentata flimkien ma' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel is-sena l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata jekk hija verifikata mill-MQRIC li l-kontenut huwa komparabbli ma' tal-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

**Kwalifika rikonoxxuta komparabbli għal 180 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli hija aċċettata biss jekk ippreżentata flimkien ma' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC.

Il-kandidati għandu jkollhom kapaċitajiet ta' komunikazzjoni inkluż kitba tajba tal-Malti u tal-Ingliż, kif ukoll kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet rilevanti tal-MS Office. Għarfien/esperjenza fi kwistjonijiet ta' antidiskriminazzjoni u ugwaljanza huma meqjusa ta' vantaġġ.

Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sat-Tnejn, 15 ta' Settembru, 2025, lil (equality@gov.mt) flimkien mas-CV, iċ-ċertifikati inkluż it-transcripts, il-kondotta tal-pulizija maħruġa f'dawn l-aħħar sitt xhur u, jekk applikabbli, l-MQRIC statement(s) għall-kwalifiki barranin.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Numru tat-telefown: +356 2276 8200
Indirizz elettroniku: (equality@gov.mt)
Sit elettroniku: (https://ncpe.gov.mt/)

Id-29 ta' Awwissu, 2025

International Relations, Social Studies, Sociology, Psychology, Humanities, Social Policy, Communications, Law, European Studies or a comparable professional qualification plus two (2) years work experience relevant to the post

or

are public officers in a Scale not below Scale 12, or Public Sector employees at a comparable level of responsibility, with five (5) years relevant work experience.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application. A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

**A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Applicants should have good communication skills including good writing skills in both Maltese and English, and must also be able to use relevant MS Office applications. Moreover, knowledge/experience in anti-discrimination and equality issues is considered an asset.

Applications are to be sent by Monday, 15th September, 2025, by email to (equality@gov.mt) including a CV, certificates including transcripts, police conduct issued within the last 6 months, and, if applicable, MQRIC statement(s) for foreign qualifications.

Late applications will not be accepted.

NCPE
Gattard House, National Road, Blata l-Bajda HMR 9010
Telephone number: +356 2276 8200
Email: (equality@gov.mt)
Website: (https://ncpe.gov.mt/)

29th August, 2025

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U T-TURIŻMU

Pożizzjoni ta' Technical Attaché (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, jilqa' applikazzjonijiet ghall-pożizzjoni ta' Technical Attaché (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Technical Attaché fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell (il-Belġju).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Technical Attaché hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni ta' Technical Attaché li hi waħda ta' fiduċja, din tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) (b) (ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għaliha saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5 Nuqqas ta' sehem sodisfaċenti mogħti mit-Technical Attaché matul kull waqt tal-ingaġġ iwassal għat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim.

2.6 Il-kandidat magħżul ikun marbut bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ta' Technical Attaché.

2.7 a. L-ingaġġ bħala Technical Attaché huwa fuq bażi full-time u l-kandidat magħżul se jkun stazzjonat fi Brussell (il-Belġju).

b. Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun imxiet lejn Brussell fi żmien xahar (1) minn meta tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess tal-applikazzjoni.

MINISTRY FOR FOREIGN AFFAIRS AND TOURISM

Position of Technical Attaché (Education, Youth, Culture and Sport) in the Ministry for Foreign Affairs and Tourism

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corporate Services, Ministry for Foreign Affairs and Tourism, invites applications for the position of Technical Attaché (Education, Youth, Culture and Sport) in the Ministry for Foreign Affairs and Tourism.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Technical Attaché in the Permanent Representation of Malta to the EU in Brussels (Belgium).

2.2 The position of Technical Attaché is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position of trust, the position of Technical Attaché constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) (b) (ii) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.5 Unsatisfactory performance as Technical Attaché during any time of this assignment period will lead to termination of the Agreement.

2.6 The selected candidate will be bound by the terms and conditions stipulated in the Agreement of Technical Attaché.

2.7 a. The engagement as Technical Attaché is on a full-time basis and the selected candidate will be stationed in Brussels (Belgium).

b. The selected candidate must be able to move to Brussels within one (1) month of being informed that she/he has been successful in the application process.

2.8 Impjegati li jkunu jaħdmu mas-Settur Pubbliku u jkunu magħżula għall-pożizzjoni ta' Technical Attaché jridu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom mal-entità li timpjegahom biex jiġu rilaxxati fil-perjodu li huma jkunu se jservu bħala Technical Attaché. Dan l-arranġament irid isir qabel jiġi ffirmat il-Ftehim ta' Technical Attaché.

2.9 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun ġejja minn entità fis-Settur Pubbliku u li tkun rilaxxata mill-entità konċernata biex tokkupa l-pożizzjoni ta' Technical Attaché, il-persuna magħżula terġa' tibda taħdem ma' dik l-entità fil-mument li hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' Technical Attaché.

2.10 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

b. Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Malta u l-Allowances ta' Post Aġġustament marbut mal-pożizzjoni ta' Technical Attaché huwa ekwivalenti għal inkrement inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €33,162.83 fl-2025), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar. Barra minn hekk, it-Technical Attaché se jirċievi l-benefiċċji u l-allowances kif spjegati fil-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas'.

3.2 F'każijiet fejn il-persuna magħżula tkun diġà qed isservi fil-pożizzjoni ta' Technical Attaché b'salarju, benefiċċji u allowances li huma ogħla minn dawk stabbiliti f'paragrafu 3.1 hawn fuq, il-kumpens applikabbli f' dawn il-każijiet eċċezzjonali ta' ħatra mill-ġdid għandu jkun tal-ogħla skala ta' salarju, benefiċċji u allowances.

2.8 Public Sector employees selected for the positon of Technical Attaché must make their own arrangements with their employing entity with regards to their release for the period during which they are to serve as Technical Attaché before signing their Agreement as Technical Attaché.

2.9 In the case of a selected candidate emanating from a Public Sector entity and who is granted release by the entity in order to take up the position of Technical Attaché, the selected candidate will resume his/her employment with such entity once he/she no longer holds the position of Technical Attaché.

2.10 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

b. Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salary Pegged to the Position

3.1 The Malta Salary and the Post Adjustment Allowances attached to the position of a Technical Attaché is equivalent to the maximum step of Salary Scale 7 less an increment (equivalent to €33,162.83 in 2025), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one (1) year service, whichever is the later. In addition, the Technical Attaché will be granted the financial allowances and benefits provided for in the Conditions of Service for Officers Serving Overseas.

3.2 In cases where the selected candidate is already currently serving in the position of Technical Attaché at a salary scale, benefits and allowances that are higher than those established at section 3.1 above, the applicable compensation upon re-appointment in such exceptional cases shall be the higher applicable salary scale, benefits and allowances.

3.3 Għat-tul tal-Ftehim, it-Technical Attaché ikun marbut mal-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER Jannar 2024 V1.2) li jistgħu jigu aġġornati minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Technical Attaché huma:

It-Technical Attaché hu l-espert tekniku fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea (PREU) fuq il-politika tal-Unjoni Ewropea (EU) relatata mal-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, il-kultura, l-isport u l-awdjoviżwal. Dan jinkludi kwistjonijiet relatati mal-acquis li jirregola il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dawn l-oqsma. It-Technical Attaché jirrapporta direttament lid-Deputat Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea. It-Technical Attaché hu responsabbli li jipprovdi pariri lir-Rappreżentant Permanenti, lid-Deputat Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, u lill-entitajiet oħra governattivi u li jikkordina kull ħidma u jsegwi kwalunkwe kwistjoni teknika relatata primarjament mal-aspetti vasti tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, il-kultura, l-isport u l-mezzi tax-xandir u ma' kwalunkwe qasam ieħor li jingħata responsabbiltà għalihom fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti. It-Technical Attaché huwa wkoll responsabbli li jżomm aġġornat lir-Rappreżentant Permanenti u lid-Deputat Rappreżentant Permanenti fi kwalunkwe kwistjoni rilevanti fl-oqsma li tagħhom huwa responsabbli. Il-kandidat irid ikollu l-isfond meħtieġ biex jifhem il-kumplessitajiet u jagħti rispons lura dwar kwistjonijiet diversi marbuta mal-acquis relatat mal-qasam li għalih huwa responsabbli, kif ukoll biex iressaq il-pożizzjoni ta' Malta bil-għan li din titqies b'mod adegwat mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE fil-kontribuzzjonijiet rilevanti tagħhom, inkluż fil-proposti leġiżlattivi.

Din id-Deskrizzjoni tal-Pożizzjoni hija indikattiva tal-kompiti u r-responsabbiltajiet.

Qasam Estern

i. Jirrappreżenta lil Malta fil-laqgħat tal-korpi preparatorji tal-Kunsill kif mitlub, fil-laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kummissjoni u fil-Kumitati tal-Komitoloġija kif mitlub, kif ukoll f'fora oħra tal-UE kif meħtieġ; li jressaq il-pożizzjoni ta' Malta f'dawn il-laqgħat u li jipparteċipa f'diskussjonijiet hekk kif ikun iddettaljat fin-noti ta' istruzzjoni li għalihom it-Technical Attaché jrid ikun jista' jikkontribwixxi wkoll;

ii. Jikteb u jibgħat ir-rapporti ta' dawn il-laqgħat immedjatament wara li jintemmu l-laqgħat u dan f'konformità mal-lista ta' distribuzzjoni approvata, kif ukoll li jiġbed l-attenzjoni, bit-telefown jew messaġġ,

3.3 For the duration of the Agreement, the Technical Attaché shall abide by the 'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER January 2024 V1.2) and which may be updated from time to time.

Duties

4. The job duties for the position of Technical Attaché include:

The Technical Attaché is the technical expert on European Union (EU) education, youth, culture, sport and audiovisual policy within the Permanent Representation of Malta to the European Union (PREU). This includes matters relating to the acquis governing the cooperation between Member States in these areas. The Technical Attaché reports directly to the Deputy Permanent Representative of Malta to the European Union. The Technical Attaché is responsible for providing advice to the Permanent Representative, to the Deputy Permanent Representative, and to other relevant entities within the Government, as well as coordinating any tasks and following any issues relating to the wider aspects of EU education, youth, culture, sport and audiovisual policy and any other area of responsibility assigned to him within the Permanent Representation. The Technical Attaché is also responsible for keeping the Permanent Representative and the Deputy Permanent Representative abreast of any relevant issues in the area of responsibility. The candidate must have the necessary background in order to understand the complexities and provide feedback on the different issues stemming from the EU acquis related to the area of responsibility, as well as to put forward Malta's position with a view to having it adequately taken into account by EU institutions, bodies and agencies in their relevant contributions, including in legislative proposals.

This Position Description is indicative of the tasks and responsibilities.

External

i. Representing Malta in meetings of the Council preparatory bodies as detailed, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as detailed as well as in other EU fora as required; putting forward Malta's position in such meetings and participating in discussions in accordance with the instruction notes to which the Technical Attaché must also be able to contribute;

ii. Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the approved Distribution List as well as alerting, by telephone/message, the ministry concerned, the EU

dwar kwistjonijiet ta' importanza immedjata, lill-ministeru kkonċernat, lid-Dipartiment ta' Kordinazzjoni tal-UE u lill-Kabinett tar-Rappreżentant Permanenti u tad-Deputat tar-Rappreżentant Permanenti;

iii. Isegwi/shadowing/jagħti appoġġ (skont il-każ) il-laqgħat ta' gruppi ta' ħidma u kumitati tal-Kunsill kif dettaljat, kif ukoll laqgħat tal-gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni u tal-Kumitat tal-Komitoloġija li huma rilevanti għall-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, u li għalihom jattendu uffiċjali minn Malta;

iv. Isegwi, u jirrapporta lura, dwar il-ħidma u l-iżviluppi fid-diversi istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE kif ukoll fi Stati Membri fil-qasam li tiegħu jkun responsabbli u jinvolvi ruħu b'mod attiv ma' rappreżentanti ta' Stati Membri oħra, is-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet, korpi u aġenziji, biex titressaq il-pożizzjoni ta' Malta, kif meħtieġ;

v. Jikkordina s-segwitu ta' kull kwistjoni li tista' tinqala' fil-laqgħat hawn fuq imsemmija/rapporti/jew proposti kif meħtieġ, kemm mat-taqsimiet l-oħra tar-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi kkonċernati tal-Gvern f'Malta;

vi. Jipparteċipa fil-Kunsill u f'laqgħat oħra ministerjali relatati mal-UE, fil-laqgħat tal-Coreper kif ukoll f'kull laqgħa li ssir fil-marġini kif meħtieġ u dan għal dawk il-kwistjonijiet/suġġetti relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni;

vii. Jikkompila u jibgħat rapporti f'waqthom ta' laqgħat imsemmija f'(vi) immedjatament wara li tintemm id-diskussjoni fuq tali suġġett skont il-proċeduri stabbiliti;

